MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**IAN SPITERI BAILEY**

Seduta ta' l-20 ta' Ottubru, 2009

Talba Numru. 12/2009

**GO p.l.c. (C22334)**

**vs**

**Ammar El-Sadi (I.D. 395901L)**
**u Nadia El-Sadi (I.D. 450380M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fit-18 ta’ Jannar 2009, fejn intalab li l-konvenuti jigu kkundannati ihallsu lis-socjeta` attrici s-somma ta’ elf erba` mija u sebgha u ghoxrin Euro u erbgha u hamsin centezmu (€1427.54) ghar-ragunijiet msemmija fl-Avviz msemmi, bl-ispejjez kollha u bl-imghax.

Ra r-Risposta tal-konvenuti pprezentata fl-10 ta’ Marzu 2009 fejn gie eccepit li t-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess socjeta` attrici.

Ra n-Nota tal-intimat Ammar Elsadi pprezentata fis-7 ta'Ottubru 2009 li permezz taghha ammetta t-talba.

Wara li ra n-nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta` attrici sabiex il-konvenuta Nadia El Sadi twiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat (Artikoli 698(2) u 702 tal-Procedura Civili);

Billi ghalkemm notifikata regolarment, il-konvenuta naqset u ma deheritx la fis-seduta tas-7 ta' Ottubru 2009, meta gew ipprezentati l-kapitoli ghas-subizzjoni u lanqas ghas-seduta ta' llum, u n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba tas-socjeta` attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) tal-KAP 380 tal-Ligijiet ta' Malta, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenuti ihallsu lis-socjeta` attrici s-somma ta' elf erba` mija u sebgha u ghoxrin Euro u erbgha u hamsin centezmu (€1427.54), bl-imghax kif mitluba fl-Avviz u bl-ispejjez li ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------